147

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
07 MAY 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Angelo Scerri [ID Nru:0283365 (M)]**

**vs.**

**L-Awtorita` tal-Ippjanar**

**U**

**Victor Busuttil**

**Rikors tal-appell ta' Angelo Scerri [ID no: 0283365 (M)]**

Jesponi bir-rispett:

| | |
|---|---|
| **PA:** | **06876/20** |
| **Location:** | **Joenas Farm, Triq il-Fortizza ta' Karag, Wied Dalam, Birzebbuga** |
| **Proposal:** | **Alterations to PA/04085/15 including sanctioning of slight rotation of approved broiler, construction of 1m concrete path around the perimeter of approved rooms, construction of new store for broiler feed and enlargement of existing kitchen and conversion to store. The application includes uprooting of dead carob trees and planting of new ones, construction of 2 new silos, sanctioning of solar panels, proposed solar panels and restoration of back rubble wall.** |

1. Illi dan huwa Appell minn decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar tas-17 ta' Marzu 2021, ippublikata fis-7 ta' April 2021 rigward applikazzjoni numru PA 06876/20 hawn fuq citata.

2. Illi l-appellant jixtieq li jissottemetti Appell wara decizjoni mill-Awtorita` tal-Ippjanar li jawtorizza l-permess ghall-izvilupp tas-sit skont l-applikazzjoni numru PA 06876/20.

3. Illi **l-fatti** fil-qosor huma s-segwenti:

i. Illi l-applikant kien issottometta applikazzjoni ghall-izvilupp – PA 06876/20;

ii. Illi minkejja li saret din l-applikazzjoni, l-applikant diga beda u lesta xi xoghlijiet li huma mitluba f'din l-applikazzjoni;

iii. Illi bl-izvilupp propost l-appellant lanqas biss se jibqa jkollu access ghal propjeta' tieghu;

iv. Illi l-appellant ghamel ir-rapprezentazzjoni tieghu fil-mori tal-applikazzjoni;

v. Illi l-Awtorita' appellata kienet aprovat il-permess lill-applikant;

vi. Illi l-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-istess decizjoni u qieghed jinterponi umli appell.

4. **L-Ewwel aggravju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe` illi jirrizulta b'mod car illi l-applikant kient diga beda ghaddej bix-xoghlijiet u dan propju minn qabel mal-applikazzjoni tieghu kienu giet approvata.

   Illi ghalhekk bir-rispett jinghad illi qabel ma jsir is-sanzjonar tal-izvilupp illegali jew it-twaqqiegh tal-istess bini zviluppat illegalment, tali applikazzjoni ma setghet qatt tkun approvata.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost **it-tieni aggravju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe li ma hemm l-ebda skop ghalfejn l-applikant jkompli jizviluppa b'tali mod li jkompli jcekken u jnaqqas mit-trejqa.

   Dan qieghed jinghad ghaliex l-applikant jista facilment iwettaq l-izvilupp tieghu fil-propjeta' tieghu stess u qieghed jibqa jippersisti b'dan l-atteggjament purament u propju minhabba piki.

   Minhabba dan l-izvilupp, l-appellant lanqas biss se jkollu access mit-triq ghal propjeta' tieghu u dan se jwassal ghal pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tal-appellant.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost **it-tielet aggravju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe li fid-DPAR report, il-case officer naqas milli jiehu konsiderazzjoni tal-oggezzjonijiet gustifikabbli tal-ERA rigward dan l-izvilupp.

   Jirrizulta b'mod ampju u car illi il-pjanti ipprezentati mill-applikant ma kienu qatt emendati sabiex jindirizzaw l-oggezzjonijiet imressqa mill-ERA rigward dan l-izvilupp.

Illi bir-rispett l-oggezzjonijiet imressqa mill-ERA rigward dan l-izvilupp huma gustifikabbli u ghalhekk ladarba tali oggezzjonijiet ma kienux indirizzati mill-applikant u l-pjanti ma kienux emendati sabiex tali oggezzjonijiet jkunu indirizzati, l-applikazzjoni tal-applikant ma kellhiex tkun approvata.

Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt illi jirriserva li jgib provi ohra skont il-Ligi u li jaghmel sottomisjonijiet ulterjuri kemm verbalment u kemm bil-miktub, jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jilqa' dan l-appell u jirrevoka, jhassar u jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 17 ta' Marzu 2021 u ppubblikata fis-7 ta' April 2021 u jordna li l-applikazzjoni PA: 06876/20 u l-permess relattiv jigu michuda, mhassra, annullati u rrevokati

**Avv. Franco Galea**

**58, Old Bakery Street**

**Valletta**

**Appellant: Ta' Anglu F/H, Triq Wied Has-Saptan, Birzebbuga.**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Angelo Scerri [ID Nru:0283365 (M)]**

vs.

**L-Awtorita` tal-Ippjanar**

**U**

**Victor Busuttil**

**Lista tax-Xhieda tal-appellant**

1. L-appellant sabiex jixhed dwar il-fatti tal-kaz;
2. L-intimat Victor Busuttil sabiex jixhed dwar il-fatti tal-kaz;
3. Rapprezentant tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jixhed dwar il- permess indikat f'dan ir-rikors tal-appell, dwar korrispondenza mibghuta lill-Awtorita` u d-dokumenti pprezentati;
4. Rapprezentant tal-Awtorita` tal-Artijiet ( Lands Authority),Rapprezentant tas-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali, Rapprezentanti ta' NGO's lokali, Rapprezentanti tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, Nutara Pubblici Maltin, Perit Karl Borg, Il-Perit Roderick Bonnici, periti ex parte u sidien jew okkupanti tal-propjetajiet li jinsabu fil-vicinanzi ta' fejn huwa propost li jsir dan l-izvilupp lkoll dwar il-fatti tal-kaz;

B'riserva ta' kull xhud iehor li waqt il-mori ta' dan l-appell jirrizulta li huwa mehtieg ghal finijiet ta' dan l-appell.

**Avv. Franco Galea**

**58, Old Bakery Street**

**Valletta**

**Appellant: Ta' Anglu F/H, Triq Wied Has-Saptan, Birzebbuga.**